Għajnsielem

**MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 4 – L-Erbgħa 15 ta' Lulju 2015**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fl-4:00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Franco Ciangura | Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Kareen Xuereb | Kunsilliera |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat: | Kevin Cauchi | Viċi Sindku |

1.0 Il-laqgha nbdiet b'talba u giet preseduta mis-Sindku.

2.0 Gew ikkonfermati l-minuti tal-laqgha ta' qabel.

**3.0 Korrispondenza**

3.1 Ġiet trattata l-ittra mingħand il-Buzzy Kids Club rigward l-organizazzjoni tal-Kids funfair f'Settembru. Il-Kunsil qabel li filwaqt li jifhem li din l-attivita' ntlaqgħet tajjeb ħafna mill-pubbliku, rridu nikkunsidraw il-budget tal-Attivitajiet Kulturali tal-Kunsill peress li din is-sena żidna l-attivitajiet. Il-Kunsill qabel li peress li f'Settembru ser jorganizza wkoll in-Nutellafest, din l-attivita' nistgħu namalgawhom flimkien. Sar qbil li għandna niltaqgħu mal-Buzzykids u niddiskutu stima għal din l-attivita'.

3.1 Ġiet trattata t-talba mingħand Christian Farrugia ta' Triq ġdida maġenb il-knisja ta' Sant'Antnin, fejn talab sabiex isir tlett lampi ġodda. Il-Kunsill qabel li għandu jissottometti din it-talba għall-approvazzjoni tal-Enemalta.

3.2 Ġiet trattata wkoll it-talba sabiex issir road hump fi Triq Dun Ġuzepp Galea Rapa faċċata tar-residenza 'Church view'. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu l-parir ta' Transport Malta f'dan ir-rigward.

3.3 Ġiet trattata wkoll it-talba sabiex issir road hump fi Triq Martino Garces, fiż-Żewwieqa. Il-Kunsill qabel li din it-triq hija kompetenza tal-Gvern Ċentrali u għalhekk il-Kunsill mhuwiex responsabbli għal ħtiġijiet tagħha.

**4.0 Tolfarte**

4.1 Is-Sindku semma' li l-artisti kollha proposti ġew avviċinati biex jitilgħu għal Tolfarte u li fil-parti l-kbira minnhom aċċettaw l-istedina. Dawk li aċċettaw huma Albert-Lauren u Loredana Agius, Deborah C u Charles Buttigieg. Qed isir il-preparamenti meħtieġa biex huma jagħtu d-debut tagħhom waqt Tolfarte. Il-Kunsill ser iħallsilhom il-vjaġġ tal-ajru u l-akkomodazzjoni tkun imħallsa minn naħa tal-Comune ta' Tolfa.

**5.0 Għajnsielem fest**

5.1 Il-Kunsill qabel li għall-attivita' tal-Hamis, li tkun iddedikata għal talent lokali, kkuntatja lil Amber iżda wriet li ma' tistax tkun preżenti dakinhar minħabba mpenji oħra. Il-Kunsill qabel li għalhekk għandu jġib preżentatur/kantant popolari li jallegra l-udjenza waqt il-preżentazzjoni tiegħu bħalma huwa Janvil jew Renato. Sar qbil li għandha tiġi wkoll mistiedna Destiny, r-rebbieħa tal-Malta Junior Eurovision. Sar qbil li għanda nikkuntatjaw lit-team ta' "Klassi għalina" u naraw jistgħux jiġu jallegraw b'xi sketch tagħhom. Apparti hekk, il-Kunsill qabel li għandu jiddedika s-serata għal talent lokali u sar qbil li għandhom jiġu kkuntatjati Deborah C, Charles Buttigieg, Albert-Lauren Agius, Loredana Agius, Miriam Rapa bil-vjolin, Charlene Portelli u l-kor ta' Daphne. Minbarra hekk il-Kunsill qabel li għandu

joħroġ avviż għal dak it-talent lokali li jixtieq jiddebutta f'din is-serata. Ġiet propost li nintroduċu wkoll preżentaturi ċkejknin biex jitħarrġu fid-dinja tal-ispettaklu. Sar qbil ukoll li għandna nikkuntatjaw kumpanija taż-żfin biex tagħti erbgħa items tagħhom, tnejn fil-bidu tas-serata u tnejn fit-tmiem. Is-Sindku propona wkoll li tkun ħaġa sabiħa li waqt din is-serata jsir kollegament live mal-emigranti t'Għajnsielem billi huma wkoll jiltaqgħu f'attivita' u jixxandru dirett. Huwa propona wkoll li l-attivita' tinfetaħ billi jsir footage fuq il-lokal t'Għajnsielem. Sar qbil ukoll li għandna nibbukjaw, palk, sound u dawl għall-okkażżjoni. Il-Kunsill qabel ukoll li s-serata għandha tingħalaq bil-ħruq ta' kaxxa stuppini taċ-Ċina. Il-Kunsill qabel li f'din is-serata jagħti l-opportunita' lill-għaqdiet tal-lokal biex jarmaw stands tax-xorb u ikel. Sar qbil ukoll li għandna nagħtu xi tokens lill-parteċipanti kollha tas-serata.

5.2 Għas-serata li kienet propost għas-Sibt, li għaliha hu mistieden il-Puse', għandha tiġi xxiftjatha għall-Ħadd 16 t'Awissu minħabba li s-Sibt issa ser tiġi organizzata l-festa ta' Kemuna. Sar qbil li wara l-kunċert tal-Puse & Band għandu jiġi organizzata 80's night. Sar qbil li għandna nġibu l-istimi meħtiega biex titella' din l-attivita'.

## 6.0 Festa f'Kemuna

6.1 Is-Sindku fisser kif ġie kkuntatjat minn ċertu Silvio Buttigieg li huwa qarib tar-residenti ta' Kemuna fejn fisser l-pjan li tiġi organizzata festa f'Kemuna. Is-Sindku semma' li huwa propona li ssir fis-16 t'Awissu peress li huwa l-unika Ħadd vojt mingħajr festi pero wara huwa ġie nfurmat b'email mingħand Silvio li huwa laħaq ftehim mad-Dipartiment tal-Kultura Għawdex u Ministeru għal Għawdex li din l-attivita' ssir fit-22 t'Awissu. Is-Sindku esprima d-diżappunt tiegħu għall-għażla tal-ġurnata peress li ser taħbat qrib ħafna l-festa t'Għajnsielem u wkoll għal fatt li l-banda ġiet eskluża mill-programm.

6.2 Il-Kunsill għalhekk ikkunsidra li għandu japprova li din l-attivita' titellgħa fit-22 t'Awissu u li għandu jinsisti li titla' l-banda t'Għajnsielem għal din l-attivita'. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jitlob id-dritt li jkollu stalls allokati għall-NGOs tal-lokal tiegħu.

## 7.0 Applikazzjoni - Art in Public Spaces

7.1 Is-Sindku rrefera għal din l-applikazzjoni u li għaliha nistgħu napplikaw bi proġett artistiku fi spazju pubbliku. Huwa semma' li s-Sinjura Mary Portelli, li tispeċjalizza fl-arti tal-mosaic, offriet l-għajnuna tagħha f'dan il-proġett u f'din l-applikazzjoni billi ssottomettiet l-idea tagħha. Ġiet propost li bħala sit jintgħażel it-taraġ ta' ħdejn il-Grand Hotel, faċċata tal-port tal-Mġarr billi kull tarġa tinkesa bil-mosaic b'tema tal-ambejnt tal-Port. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u li għandu japplika għal dan il-fond.

## 8.0 Materji oħra

8.1 Il-Kunsill wkoll iddiskuta attivita' nnovattiva f'Għajnsielem fejn jerġa jagħtih il-ħajja ta' port għall-baħrin billi fost l-oħrajn jinfetħu l-bars kollha tal-lokal u jkunu animati b'persuni lebsin ta' baħrin antiki, eċċ.

8.2 Is-Sindku semma' li jinħtieġ li jiltaqa' l-Kumitat ta' Bethlehem f'Għajnsielem. Huwa propona li din is-sena jista' jsir skambju bejn erba' jew ħames pajjiżi li lkoll jagħmlu attivita' tal-Milied u mbagħa, waqt Betlehem f'Għajnsielem talloka weekend għal kull pajjiż biex jagħmel ir-rappreżentazzjoni tiegħu.

8.3 Sar qbil li l-planter tal-palm li hemm fi Pjazza Madonna ta' Loretu għandha titranġa billi tinkesa bil-graffiato u ssirilha cinta fuq kull planter.

Il-laqgħa ntemmet fis-6:15 ta' filgħaxija u sar qbil li ssir kontinwazzjoni tagħħha nhar l-Erbgha 22 ta' Lulju 2015 fit-3:00 ta' wara nofsinhar.

**Franco Ciangura**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**